



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 26.10.2011
KUMM(2011) 691 finali

2011/0305 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fl-2012 u fl-2013, inkluża l-ewwel rata ta' pagament għall-2012

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim Intern u r-Regolament Finanzjarju tal-Għaxar FEŻ jipprovdi għal proċedura ġdida kif isiru s-sejħiet għal kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri biex jiġi ffinanzjat il-FEŻ. Skont l-Artikolu 157 tar-Regolament Finanzjarju, din il-proċedura ġdida applikat għall-ewwel darba għall-kontribuzzjonijiet tal-2009.

Skont l-Artikolu 57(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-Għaxar FEŻ, din il-proposta tkopri:

- il-limitu massimu tal-ammont annwali tal-kontribuzzjoni għas-sena 2013;
- l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni għas-sena 2012; kif ukoll
- l-ammont tal-ewwel rata ta' pagament tal-kontribuzzjoni għas-sena 2012.

Skont l-Artikolu 57(7) tar-Regolament Finanzjarju tal-Għaxar FEŻ, l-ammont ġestit mill-Kummissjoni u l-ammont ġestit mill-BEI huma speċifikati separatament.

Skont l-Artikolu 145 tar-Regolament Finanzjarju tal-Għaxar FEŻ, il-BEI bagħat lill-Kummissjoni l-istimi aġġornati tiegħu ta' impenji u ħlasijiet skont l-istrumenti li jiġġestixxi.

Skont l-Artikolu 57(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-Għaxar FEŻ, il-Kunsill irid jiddeċiedi dwar din il-proposta sal-15 ta' Novembru 2011 u l-Istati Membri jridu jħallsu l-ewwel rata ta' pagament tal-kontribuzzjoni sa mhux aktar tard mill-21 ta' Jannar 2012.

L-Artikolu 58(2) tar-Regolament Finanzjarju jistipula li s-sejħiet għal kontribuzzjonijiet jużaw l-ewwel l-ammonti stabbiliti għall-FEŻ preċedenti, f'ordni kronoloġiku. Għalhekk, is-sejħiet għal kontribuzzjonijiet f'din il-proposta jikkonċernaw l-ammonti skont id-Disa' FEŻ fir-rigward tal-EIB u skont l-Għaxar FEŻ fir-rigward tal-Kummissjoni.

L-Artikolu 60(1) tar-Regolament Finanzjarju jistipula li Stat Membru li jonqos milli jħallas il-pagament parzjali tal-kontribuzzjoni dovuta sal-iskadenza jkun mitlub iħallas l-imgħax fuq l-ammont mhux imħallas; l-arranġamenti għall-ħlas tal-imgħax huma speċifikati fl-istess Artikolu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fl-2012 u fl-2013, inkluża l-ewwel rata ta' pagament għall-2012

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament tal-għajnuna Komunitarja skont il-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu bejn l-2008 u l-2013 skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u dwar l-allokazzjoni tal-għajnuna finanzjarja għall-Pajjiżi u għat-Territorji ekstra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat tal-KE¹, ("il-Ftehim Intern") u b'mod partikulari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju tal-Għaxar FEŻ")² kif l-aħħar emendat fil-11 ta' April 2011³, u b'mod partikulari l-Artikolu 57(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Skont il-proċedura stipulata fl-Artikoli 57 sa 61 tar-Regolament Finanzjarju tal-Għaxar FEŻ, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ottubru 2011 fejn tispeċifika l-limiti massimi tal-ammont annwali tal-kontribuzzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) tal-Istati Membri għall-2013, l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni għall-2012 u l-ammont tal-ewwel pagament parzjali tal-kontribuzzjoni li trid titħallas għall-2012.
- (2) Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 145 tar-Regolament Finanzjarju tal-Għaxar FEŻ, il-Bank Ewropew tal-Investiment bagħat lill-Kummissjoni l-istimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-ħlasijiet għall-istrumenti li jimmaniġġja.
- (3) L-Artikolu 58(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-Għaxar EDF jistipula li s-sejthiet għal kontribuzzjonijiet jużaw l-ewwel l-ammonti stabbiliti tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

¹ ĠU L 247, 9.9.2006, p. 32.

² ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1.

³ ĠU L 102, 16.04.2011, p. 1.

preċedenti. Għalhekk, fir-rigward tal-BEI, għandha ssir ukoll sejħa għal fondi skont id-Disa' FEŻ fuq il-bażi tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-Għaxar FEŻ.

- (4) Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar din il-proposta sal-15 ta' Novembru 2011 u l-Istati Membri għandhom iħallsu l-ewwel rata ta' pagament tal-kontribuzzjoni għas-sena 2012 sa mhux aktar tard mill-21 ta' Jannar 2012,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-limitu massimu tal-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ tal-Istati Membri għal-2013 qed jiġi stabbilit fl-ammont ta' EUR 3 800 000 000 fir-rigward tal-Kummissjoni, u ta' EUR 250 000 000 fir-rigward tal-Bank Ewropew tal-Investment.

Artikolu 2

L-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ tal-Istati Membri għas-sena 2012 qed jiġi stabbilit fl-ammont ta' EUR 3,600,000,000 fir-rigward tal-Kummissjoni, u fl-ammont ta' EUR 280,000,000 fir-rigward tal-Bank Ewropew tal-Investment.

Artikolu 3

Il-kontribuzzjonijiet individwali tal-FEŻ li jridu jitħallsu mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u lill-Bank Ewropew tal-Investment bħala l-ewwel pagament parzjali għall-2012 huma stabbiliti fit-tabella fl-Anness.

Artikolu 4

Din id-deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 5

Din id-deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

L-ewwel pagament parzjali tal-kontribuzzjonijiet għall-2012 (f'EUR)

STATI MEMBRI	Taqsim tad-Disa' EDF	taqsim tal-Għaxar FEŻ	l-ewwel pagament parzjali		Total tal-ewwel pagament parzjali
	%	%	BEI Id-Disa' FEI	Il-Kummissjoni L-Għaxar EDF	
IL-BELĠJU	3.92	3.53	3 920.000	68 835 000	72 755 000
ID-DANIMARKA	2.14	2.00	2 140.000	39 000 000	41 140 000
IL-ĠERMANJA	23.36	20.50	23 360.000	399 750 000	423 110 000
IL-GREĊJA	1.25	1.47	1 250 000	28 665 000	29 915 000
SPANJA	5.84	7.85	5 840 000	153 075 000	158 915 000
FRANZA	24.30	19.55	24 300 000	381 225 000	405 525 000
L-IRLANDA	0.62	0.91	620 000	17 745 000	18 365 000
L-ITALJA	12.54	12.86	12 540 000	250 770 000	263 310 000
IL-LUSSEMBURGU	0.29	0.27	290 000	5 265 000	5 555 000
IL-PAJJIŻI L-BAXXI	5.22	4.85	5 220 000	94 575 000	99 795 000
L-AWSTRIJA	2.65	2.41	2 650 000	46 995 000	49 645 000
IL-PORTUGALL	0.97	1.15	970 000	22 425 000	23 395 000
IL-FINLANDJA	1.48	1.47	1 480 000	28 665 000	30 145 000
L-ISVEZJA	2.73	2.74	2 730 000	53 430 000	56 160 000
IR-RENJU UNIT	12.69	14.82	12 690 000	288 990 000	301 680 000
Total parzjali EUR-15	100	96.38	100 000 000	1 879 410 000	1 979 410 000
IR-REPUBBLIKA ĊEKA		0.51		9 945 000	9 945 000
IL-BULGARIJA		0.14		2 730 000	2 730 000
L-ESTONJA		0.05		975 000	975 000
ĊIPRU		0.09		1 755 000	1 755 000
IL-LATVIJA		0.07		1 365 000	1 365 000
IL-LITWANJA		0.12		2 340 000	2 340 000
L-UNGERIJA		0.55		10 725 000	10 725 000
MALTA		0.03		585 000	585 000
IL-POLONJA		1.30		25 350 000	25 350 000
IR-RUMANIJA		0.37		7 215 000	7 215 000
IS-SLOVENJA		0.18		3 510 000	3 510 000
IS-SLOVAKKJA		0.21		4 095 000	4 095 000
Total parzjali EUR-12		3.62		70 590 000	70 590 000
TOTAL EUR-27	100	100	100 000 000	1 950 000 000	2 050 000 000